FIT-TRIBUNAL GHAL-TALBIET ZGHAR
(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Hamis 28 ta' Jannar 2016

Avviz numru 51/2015KM

SA Sales Ltd (C 55182)

Vs.

Xlendi Resort Limited (C 43577)

It-Tribunal;

Ra' l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet illi tithallas minn ghand il-konvenuta is-somma ta' elf tmien mija u erba u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,864.75) rapprezentanti hlas ghal merkanzija mibjugha skond fattura annessa ma l-istess avviz.

Ra' id-digriet tieghu tat-28 ta' Dicembru 2015, li permezz tieghu fost affarijiet ohra appunta din il-kawza ghas-seduta tal-21 ta' Jannar 2016.

Ra illi minkejja li l-kumpanija konvenuta kienet notifikata bl-avviz tat-talba u dak tas-smiegh (riferta tergo fol.2) hija baqa' ma prezentax risposta fi zmien li trid il-ligi u l-anqas deher hadd personalment biex jikkontesta it-talbiet attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti minn l-attrici

Sema' ix-xhieda mressqa minn l-attrici;

Ra d-digriet tieghu tal-21 ta' Jannar 2016, li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza, in difett ta' ostakolu, jew in difett tal-prezentata ta' risposta, ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra:-

Illi sad-data ta' din is-sentenza ma giet prezentata l-ebda risposta min naha tal-kumpanija konvenuta, minkejja li skatta t-terminu statutorju ta' tmintax il-jum biex tigi intavolata din ir-risposta.

Sad-data tal-prim Appuntamento dan it-terminu kien ghadu ma ghaddiex u ghalhekk minkejja li ma deher hadd biex jikkontesta t-talba dan it-Tribunal xorta iddeferrixxa l-kawza ghal data ohra wara li jkun ghaddha l-istess terminu sabiex tinghata s-sentenza in difett ta' ostakolu jew sakemm ma tigix intavolata risposta. Sal-lum, cioe sad-data ta' din is-sentenza ma ddahhlet l-ebda risposta.

Illi l-kumpanija konvenuta f'din il-kawza baqghet kontumaci meta ma rrispondietx l-kawza bil-miktub u l-anqas dehret quddiemu biex toffri kontestazzjoni ghat-talbiet attrici.

Illi kreditu pretiz mill-kumpanija attrici gie ampjament pruvat a sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal permezz taz-zewg xhieda u dokumenti prodotti quddiemu. Jidher illi min naha tal-kumpanija konvenuta d-diffikulta ghal hlas ma kienet xejn ghajr problem finanzjarji.

Stante illi dan id-debitu hu wiehed ta' natura kummercjali l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data tal-konsenja kif jidher fl-istatement esebit a fol 4.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' it-talbiet attrici; jikkundanna lil kumpanija konventua konvenut thallas lil attrici is-somma ta' elf tmien mija u erba' u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,864.75), bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja kif jidher fl-istatement esebit a fol 4. Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali citata kontra l-kumpanija konvenuta.

**Dr. Kevin Mompalao**
**Gudikant**

**Diane Farrugia**
**D/Registratur**